



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0297(NLE)

13162/22
ADD 1

PROBA 47
AGRI 499
WTO 183

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 487 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC - International Olive Council) fir-rigward tal-istandard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 487 final.

Mehmuż: COM(2022) 487 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2022
COM(2022) 487 final

ANNEX

ANNESS

tal-

**Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC - International Olive Council) fir-rigward tal-istandard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ

{SWD(2022) 309 final}

ANNESS

L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa l-emendi li ġejjin għall-istandard kummerċjali tal-IOC u l-metodu ta' analiżi fil-116-il seduta tal-Kunsill tal-Membri tal-IOC li għandha ssir bejn t-28 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru 2022 jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza mibdi qabel is-seduta regolari tiegħu li jmiss f'Ġunju 2023:

- ir-reviżjoni tal-istandard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebuga u għaż-żjut mir-residwi taż-żebuga COI/T.15/NC Nru. 3/Rev. 19, sabiex jitneħħa l-Anness 1 tal-istandard u tiġi simplifikata l-ġerarkija tad-deċiżjonijiet dwar id-delta-7-stigmastenol;
- ir-reviżjoni tal-metodu COI/T.20/Do. Nru 28/REV 3 (*Determinazzjoni tal-kontenut tax-xema' u l-esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża kapillari*) biex jiġi inkluż metodu alternattiv ta' analiżi u jsiru xi bidliet żgħar fil-metodu eżistenti.

Adattamenti tekniċi għal metodi jew dokumenti oħra tal-IOC jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri tal-IOC mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jekk jirriżultaw mill-emendi msemmija fl-ewwel paragrafu.